# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 23**
**Appell numru 11/2016**

***Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited***

***v.***

**Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti;**
***WasteServ Malta Limited*;**
***AIB Insurance Brokers Limited***

1. Dan huwa appell ta' *Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited* ["l-Appellanti"] minn deċiżjoni tal-31 ta' Diċembru 2015 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi [L.S. 174.04], illi ċaħdet appell tal-istess Appellanti minn deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti ["id-Dipartiment"] illi l-offerta tagħha għal kuntratt *"for the provision of insurance services to Wasteserv Malta Limited*" ma kinitx *"the cheapest technically compliant*" u illi l-kuntratt kien sejjer jingħata lil *AIB Insurers Brokers Limited* ["*AIB*"].

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: saret sejħa mid-Dipartiment għal offerti għall-kuntratt fuq imsemmi. Fost il-kondizzjonijiet tas-sejħa kien hemm dik illi kellha ssir offerta għal poloz kontra tnax-il kategorija ta' riskji u illi:

> »in submitting their offers, prospective bidders are requested to submit a full breakdown of the premium of each type/class of insurance cover/policy, indicating each item and the rate applicable. This information shall not form part of the evaluation process, but shall be binding and form an integral part of the contract … … …«

3. Dwar kriterji tal-għażla il-kondizzjonijiet tas-sejħa jgħidu hekk:

> »9.1 The sole award criterion will be the price. The contract will be awarded to the cheapest priced tender satisfying the administrative and technical criteria.«

4. Daħlu tliet offerti, fosthom dik tal-Appellanti u dik ta' *AIB* u r-rakkomandazzjoni kienet li l-kuntratt jingħata lil *AIB* billi l-offerta ta' din kienet l-orħos. L-Appellanti kienet mgħarrfa b'dan b'ittra tad-Dipartiment tal-15 ta' Settembru 2015.

5. B'ittra tal-25 ta' Settembru 2015 l-Appellanti ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni għal raġuni li fissritha hekk:

> »It is our firm belief that although, on a *prima facie* basis, the decision might seem to be correct, it is in fact unfounded in fact and at law and that the evaluation process was an erroneous one and based on misinterpretation of the information submitted by the participating bidders, as will be proven during the hearing to be held in relation to this official objection.«

6. Lill-Bord ta' Reviżjoni deherlu illi r-raġuni għall-oġġezzjoni ma kinitx ċara biżżejjed u għalhekk talab lill-Appellanti biex tfissirha aħjar. L-Appellanti wieġbet fil-21 ta' Ottubru 2015 u kompliet fissret l-oġġezzjoni tagħha hekk:

»In detail it is appellant's assertion that the evaluation process was not carried out between two similar offers, in the sense of offering the same product and service but at different costs, but between two dissimilar offers and that the data provided in the two competing bids, that of appellant and that of the recommended tenderer, was misinterpreted and that in actual fact, as will be proven during the hearing, appellant's offer was the cheapest technically compliant bid.«

7. Waqt is-smigħ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni l-Appellanti kompliet tfisser illi l-allegazzjoni tagħha kienet illi l-offerta tagħha kienet imsejsa fuq *premia* kwotati minn *underwriters* li hi semmiet b'isimhom fl-offerta waqt illi l-offerta ta' *AIB* kienet imsejsa biss fuq stima – li l-Appellanti ssejħilha *desk quote* – magħmula minn *AIB* stess u mhux minn *underwriters*; l-Appellanti kompliet tfisser illi fil-fehma tagħha *AIB* lanqas kienet sabet *underwriters* għal xi wħud mill-kategoriji ta' riskju tant illi ma semmietx b'isimhom lill-*underwriters* li jekk tintlaqa' l-offerta tagħha kienu sejrin jerfgħu dawk ir-riskji. Effettivament l-Appellanti tidher li qiegħda tgħid illi l-offerta tagħha hija konkreta waqt illi dik ta' *AIB* hija msejsa fuq supposizzjoni li sejra ssib *underwriters* lesti li jerfgħu r-riskji għall-*premia* illi ikkalkolat hi.

8. Bid-deċiżjoni tal-31 ta' Diċembru 2016, li minnha sar dan l-appell, il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda hekk:

»This Board,

»Having noted the Appellant's objection, in terms of the "Reasoned Letter of Objection" dated 25 September 2015 and also through their verbal submissions during the Public Hearing on 17 December 2015, and had objected [*sic*] to the decision taken by the Pertinent Authority, in that:

»a) The Appellant Company contends that the Evaluation Committee had been misdirected, in that the Recommended Bidder did not give all the necessary information to the Authority, such as the indications of the insurers and the amount of risk covered by the same.

»In this regard, the Appellant maintains that the Evaluation Committee did not compare "Like with Like" and the non-

inclusion of the "*insurers*" by the Recommended Bidder means that the latter does not have the necessary underwriters.

»Having Considered the Contracting Authority's "Letter of Reply" dated 30 October 2015 and also the Contracting Authority's verbal submissions during the Public Hearing held on 17 December 2015, in that:

»a) The Contracting Authority maintains that both the Recommended Bidder and the Appellant Company were administratively and technically compliant, so that the final aspect to be considered was the price. In this respect, the Recommended Bidder's offer was the cheapest.

»Reached the following conclusions:

»1. First of all, this Board would refer to the requirements dictated in the Tender Document with particular reference to the "*Financial Bid Breakdown*" schedule. This same Board credibly notes that nowhere in the Tender Document was melttioned a requirement for the submission of the identity of the insurers.

»What was stated was "*in submitting their offer/s, prospective bidders are requested to submit a full breakdown of the Prenmium of each type/class of insurance cover/policy. indicating each item and the rate applicable. This information shall not form part of the Evaluation Process, but shall be binding and form an integral part of the contract etc.*" In this regard, this Board justifiably affirms that there was no mandatory requirement for the bidders to indicate who the "*insurers*" are.

»• With regards to the Appellant's contention that the Evaluation Committee were rnisguided so that there was no fair assessrnent by the latter on a "*like with like*" basis, this Board would justifiably opine that the Tender was for a "*quote*" for insurance cover of twelve items clearly indicated in the Financial Bid Breakdown.

»The Evaluation Board, quite correctly, had to conduct its assessment on those items so dictated in the "*Financial Bid Breakdown*". Through clarifications dated 13 July 2015 and 31 July 2015, the Evaluation Committee confirmed that the premiums quoted by the Recommended Bidder did in fact cover the full requirements as dictated in the Tender Document.

»In this regard, this Board credibly opines that the Evaluation Comrnittee were not misled by the Recommended Bidder as whenever there was doubt on a particular item, the latter sought and obtained the necessary clarification.

»This Board would like to also point out that the Evaluation Committee had to evaluate the quoted premiums only on the dictated requirements as listed

in the “*Financial Bid Breakdown*”. There exists no evidence that the Evaluation Committee did not follow this procedure.

»In this regard, this Board opines that both the Appellant and the Recommended Bidder were assessed on a “*Like with Like*” basis.

»2. This Board points out that the sole award criterion was the price. The Recommended Bidder was the cheapest fully compliant bidder. In this regard, this Board justifiably opines that the Evaluation Board followed the correct, fair and transparent principles of Public Procurement.

»3. This Board would like to also point out that the numerous witnesses summoned by the Appellant Company did not provide any facts or proven evidence that the Recommended Bidder did not have “*Underwriters*”. All that came out from the submissions of the said witnesses was who quoted and who did not for the coverage of the insurance of the Recommended Bidders.

»In view of the above, this Board finds against the Appellant Company and recommends that the deposit paid by the Appellant should not be reimbursed.«

9. L-Appellanti ressqet appell minn din id-deċiżjoni b’rikors tat-22 ta’ Jannar 2016 li għalih id-Dipartiment wieġeb fl-4 ta’ Frar 2016, *AIB* wieġbet fid-9 ta’ Frar 2016, u *WasteServ Malta Limited* wieġbet fit-12 ta’ Frar 2016.

10. Billi *AIB* fit-tweġiba tagħha ressqet l-eċċezzjoni illi l-appell sar wara li għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi għalhekk, jinħtieġ li nqisu din l-eċċezzjoni qabel ma nqisu l-meritu tal-appell. L-eċċezzjoni ġiet imfissra hekk:

»… … … fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi l-appell tas-soċjetà appellanti *Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited* huwa *fuori termine* billi d-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ma saritx pubblika fl-4 ta’ Jannar 2016 iżda meta ngħatat id-deċiżjoni fil-31 ta’ Diċembru 2015. F’dan il-kuntest għandu jingħad illi r-regolament 85(5) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04) ma jgħidx illi t-terminu tal-appell jibda minn meta tiġi nnotifikata l-parti appellanti bid-deċiżjoni, kif donnha qed tippretendi s-soċjetà appellanti, iżda minn meta d-deċiżjoni finali tkun pubblika, ossija disponibbli għall-pubbliku. Għalhekk, anki jekk is-soċjetà appellanti kienet sewwasew infurmata bid-deċiżjoni fl-4 ta’

> Jannar 2016 meta rċeviet l-*email* minnha esebita bħala Dok. FG1, it-terminu tal-appell kien diġà beda u hija kellha obbligu li tintavola dan l-appell fi żmien għoxrin jum minn meta d-deċiżjoni saret pubblika, ħaġa li setghet taghmel faċilment billi kienu għaddew biss erbat ijiem minn meta rċeviet l-*email*. Dan allura jfisser, fil-fehma umli tal-esponenti, illi l-appell huwa null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.«

11. Ix-xiehda turi illi l-Appellanti kienet mgħarrfa bis-sentenza meta s-segretarjat tal-Bord ta' Reviżjoni bagħtilha kopja mehmuża ma' *email* fl-4 ta' Jannar 2016.

12. Jidher li hija l-prassi tal-Bord ta' Reviżjoni illi ma jippubblikax minn qabel id-data li fiha jkun sejjer jagħti d-deċiżjoni[1], u għalhekk ma kien hemm ebda mod kif l-Appellanti setgħet tkun taf li ngħatat id-deċiżjoni qabel ma kienet mgħarrfa b'dan mill-bord stess. Mhux raġonevoli li tistenna li parti fi proċeduri quddiem il-bord tistaqsi kuljum biex tara jekk dakinhar ingħatatx id-deċiżjoni, aktar u aktar meta, bħal fil-każ tallum, id-deċiżjoni ngħatat nhar San Silvestru, l-aħħar jum tas-sena. Fiċ-ċirkostanzi tal-mod kif jimxi l-Bord ta' Reviżjoni, għalhekk, id-deċiżjoni għandha titqies li ssir pubblika dakinhar illi l-bord igħarraf lill-partijiet. Fil-każ tallum id-deċiżjoni titqies li saret pubblika fl-4 ta' Jannar 2016; l-appell sar b'rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2016, qabel ma għaddew l-għoxrin jum li tagħti l-liġi. L-eċċezzjoni, li fiċ-ċirkostanzi tidher x'aktarx fiergħa, hija għalhekk miċħuda.

13. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell. Il-qorti qabel xejn tosserva illi qiegħda tifhem – kif jidher illi qegħdin jaqblu li huwa l-każ il-partijiet kollha – illi ċ-ċifra li l-oblaturi kellhom jindikaw bħala "*Price*" fil-*financial bid breakdown* hija l-*premium* għal assikurazzjoni u mhux id-dritt tal-

---

1 Ara *Dimbros Limited v.* Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar *et*, App. 16 ta' Marzu 2015.

*broker* għas-servizz tiegħu bħala intermedjarju. Għalkemm forsi tistenna illi l-prezz li oblatur isemmi huwa l-prezz għas-servizz tiegħu, u mhux għas-servizz ta' terzi, jidher illi l-interpretazzjoni illi l-*price* huwa l-*premium* hija dik korretta, kif tixhed in-nota li tgħid "*in submitting their offer/s prospective bidders are requested to submit a full breakdown of the premium*". F'kull każ jidher li l-proċess ta' evalwazzjoni sar fuq il-bażi ta' din l-interpretazzjoni.

14. L-Appellanti ressqet sitt aggravji; l-ewwel wieħed fissritu hekk:

> »… … … il-*Public Contracts Review Board* għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi in kwantu ħa l-posizzjoni li l-obbligu tiegħu kien biss ta' reviżjoni tal-proċeduri segwiti mill-*board* ta' evalwazzjoni mingħajr ma jidħol fil-mertu ta' dak li ġie attwalment sottomess lill-awtorità kontraenti.
>
> »Il-kompetenza tal-*Public Contracts Review Board* mhuwiex ristrett biss sabiex jara li l-*Board* tal-Għażla mexa b'mod ekwu u ġust mal-offerenti kollha. Il-kompetenza tiegħu tmur *oltre* sabiex jara dak li attwalment ġie sottomess lil awtorità kontraenti u jara jekk fil-fatt l-offerent kienx issodisfa ir-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi tas-sejħa għall-offerti.
>
> »Kuntrarjament għal dak li kien jiġri fil-passat meta s-sistema fit-*tenders* kienet waħda kartaċja u mhux waħda elettronika bħal fil-każ in eżami kienet diversi drabi titħaddem sistema ta' '*Three Envelope Tender*' fejn l-offerta tgħaddi minn tliet stadji ta' evalwazzjoni – waħda amministrattiva, l-oħra teknika u finalment dik finanzjarja. F'kull stadju kienet tingħata deċiżjoni li minnha kull parti interessata kien ikollha d-dritt ta' appell. Fis-sistema attwali l-unika deċiżjoni [li] tingħata hija dik finali li tkun tinkorpora t-tliet fażijiet f'daqqa; għalhekk hija skorretta l-posizzjoni adottata mill *Public Contracts Appeals Board* li ġjaladarba l-offerta ta' offerent ġiet evalwata għal dak li huwa r-rekwiżit finanzjarju għandu jiġi preżunt li l-istess offerta kienet tissodisfa r-rekwiżiti amministrativi u tekniċi.
>
> »F'dan is-sens issir referenza għall-fatt li l-*Public Contracts Review Board* għandu dritt li jitlob l-assistenza ta' konsulenti sabiex jassistuh fejn il-materja tkun waħda teknika u kwindi dan ifisser li x-xogħol tal-*Public Contracts Review Board* ma jiqafx sa analiżi *prima facie* ta' jekk il-process kienx wieħed ġust u ekwu u kwindi proċedurali iżda għandu d-dntt u l-obbligu li jidħol fil-mertu tal-fatti tal-każ.«

15. Għalkemm l-Appellanti qiegħda tgħid sew dwar il-kompetenza tal-Bord ta' Reviżjoni, *viz.* li għandu kompetenza fuq il-komponenti ammi-

nistrativi, tekniċi u finanzjarji tal-offerta, madankollu l-bord ma huwiex imsejjaħ biex jagħmel valutazzjoni mill-ġdid tal-offerti kollha iżda biss li jqis l-aggravji speċifiċi mressqa quddiemu. Fil-każ tallum l-aggravju mressaq mill-Appellanti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kien biss illi l-*premia* kwotati minn *AIB* kienu biss stima tagħha stess u għalhekk ma kinux konkreti. Naturalment, il-prova ta' dan kellha tagħmlu l-Appellanti u din il-prova dehrilha li setgħet tagħmilha billi turi illi ebda *underwriter* ma kien ikkwota *premia* lil *AIB*. Kull ma wriet iżda kien illi ebda wieħed mill-*underwriters* li ressqet biex jixhdu ma kien ikkwota *premia* lil *AIB*. Din iżda ma hijiex prova illi *AIB* ma kellhiex kuntatti ma' *underwriters* li huma lesti li jerfgħu r-riskju b'dawk il-*premia*; ukoll jekk l-Appellanti ressqet biex jixhdu l-*underwriters* kollha preżenti fis-suq lokali, il-prova ma hijiex konklużiva għax hemm *underwriters* oħra fis-suq ewropew li magħhom setgħet għamlet kuntatt *AIB*. Ladarba l-kondizzjonijiet tas-sejħa għal offerti ma kinux iridu li bilfors jintwera l-isem tal-*underwriters* – ukoll għax, kif sejjer jiġi mfisser aħjar aktar 'il quddiem fil-konsiderazzjonijiet dwar il-ħames aggravju[2], jista' jkun illi l-*underwriters* ma jkunux dejjem l-istess tul it-tliet snin tal-kuntratt – in-nuqqas ta' *AIB* li tikxef l-identità tal-*underwriters* ma hijiex prova li ma sabitx lil min jerfa' r-riskju, jew li ma hijiex sejra ssib min jerfa' r-riskju meta jasal il-waqt li bl-intervent tagħha jsir il-kuntratt ta' assikurazzjoni.

16. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

---

2 Ara para. 30, *infra*.

17. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »… … … il-*Public Contracts Review Board* kien skorrett meta qal li t-*tender* in kwistjoni kien biss għal *quotation* u l-evalwazzjoni kellha ssir biss fir-tigward tad-dokument '*Financial Bid Breakdown*' u *cioè* l-analiżi tal-prezz.
>
> »Il-kriterju ta' evalwazzjoni tat-*tender* waħdu juri l-iżball li kien indott fih il-*Public Contracts Review Board*. Il-kriterju tal-għażla kien dak ta' '*the cheapest administratively and technically compliant bid*'. Għallhekk l-analiżi li kellha ssir ma kinitx dik ta' prezz għaliex qabel wieħed kellu jissindika jekk fil-fatt l-offerta kinitx tissodisfa r-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi tat-*tender*. Il-fatt li dan ma sarx fit-*tender* in kwistjoni kien wieħed lampanti u għalhekk il-fatt li l-*Public Contracts Review Board* għal raġuni tiegħu irrifjuta li jidħol fil-materja tiegħu jrendi d-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board* erronja fil-liġi.«

18. Dan l-aggravju hu effettivament ripetizzjoni tal-ewwel wieħed u għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet: l-argument tal-Appellanti illi l-offerta ma kinitx tħares il-kondizzjonijiet amministrativi u tekniċi tal-offerta hija msejsa fuq l-allegazzjoni li *AIB* ma kinitx sabet *under-writers* lesti jidħlu għar-riskju bil-*premia* kwotati minnha; bla ħsara għal dak li sejjer jingħad 'il quddiem dwar il-ħames aggravju[3], prova li dan huwa minnu ma saritx, u għalhekk ma kien fadal xejn xi jsir ħlief illi jitqabblu l-prezzijiet tal-offerti. Il-prezz ta' *AIB* kien orħos u għal-hekk inevitabilment kellha tingħażel l-offerta tagħha.

19. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

20. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … …il-*Public Contracts Review Board* bi ksur ta' regoli tal-pro-ċedura kollha ħa konjizzjoni ta' provi li ma kinux disponibbli lill-partijiet u sallum l-appellanti m'għandha l-ebda tagħrif dwar il-kontenut tagħ-hom. Fid-deċiżjoni appellata jingħad "*Through clarifications dated 13 July 2015 and 31 July 2015, the Evaluation Committee confirmed that the premiums quoted by the Recommended Bidder did in fact cover the full requirements as dictated in the Tender Document*". Dawn il-kjarifiki qatt ma nġabu a konjizzjoni tal-appellanta u wisq inqas għand-

---

[3] Ara para. 30, *infra.*

> ha tagħrif dwar il-kontenut tal-istess u għalhekk ġiet imċaħħda mid-dritt tal-eżami tal-istess prova. Il-fatt li l-*Public Contracts Review Board* jistrieħ fuq allegat prova illi baqgħet oskurata u ma kinetx parti mill-*iter* proċesswali jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tal-appellanti partikolarment id-dritt tagħhom għal proċess ekwu u ġust ibbażat fuq il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dawk ta' smigħ xieraq.«

21. Kif sewwa josserva d-Dipartiment fit-tweġiba tiegħu l-*clarifications* li ssemmi l-Appellanti kienu ngħataw mhux lill-Bord ta' Reviżjoni iżda lill-kumitat tal-għażla fil-fażi tal-valutazzjoni tal-offerti meta kull offerta titqies bħala konfidenzjali; ma tressaqx tagħrif ġdid quddiem il-bord. Wara kollox, ladarba ma nġibtx prova tal-allegazzjoni waħdanija li fuqha kienet imsejsa l-oġġezzjoni tal-Appellanti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, dawk il-*clarifications* ma kinux strettament relevanti għall-meritu quddiem il-bord.

22. Relevanti hija s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – ċitata mid-Dipartiment – dwar materja ta' konfidenzjalità ta' tagħrif kummerċjali fil-każ ta' <u>*Varec SA v.* il-Belġju</u>[4]:

> »51. … … … il-kuntest ta' reviżjoni mressaq kontra deċiżjoni adottata minn awtorità kontraenti fir-rigward ta' proċedura tal-għoti ta' kuntratt pubbliku, il-prinċipju tal-kontradittorju ma jimplikax li l-partijiet ikollhom dritt għal aċċess illimitat u assolut għall-informazzjoni kollha, relatata mal-proċedura tal-għoti tal-kuntratt pubbliku in kwistjoni, li ġiet ippreżentata quddiem il-qorti kompetenti mill-proċedura ta' reviżjoni. Bil-kontra ta' dan, dan id-dritt ta' aċċess għandu jiġi bbilanċjat mad-dritt li operaturi ekonomiċi oħra għandhom għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.«

23. Dan igħodd aktar u aktar fil-każ tallum fejn it-tagħrif ma kienx strettament relevanti għall-għanijiet tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. It-tielet aggravju huwa għalhekk miċħud.

24. Ir-raba' aggravju jgħid hekk:

---

4 Każ C-460/06, 14 ta' Frar 2008.

»… … … ir-raba' aggravju għall-esponent … … … jikkonsisti fil-fatt li l-*Public Contracts Review Board* … … … ċaħdet lill-appellanti milli tressaq prova ta' dak li ġara wara d-data tal-għeluq tas-sottomissjoniet tat-*tender*. Il-*board* iddeċieda li t-tali prova kienet irrelevanti għall-każ mertu tal-appell. L-appellanta riedet tressaq il-prova li meta *Wasteserv Malta Limited* wara l-għeluq tat-*tender* daret fuq l-offerenti u talbithom iġibula kopertura skond it-termini tal-offerta tagħhom *AIB Insurance Brokers Limited* ma kinitx f'posizzjoni li tagħmel dan għaliex l-ebda prinċipal ma kien dispost jassumi riskji għaċ-ċifri indikati minn *AIB Insurance Brokers Limited* fl-offerta tagħha. Din ċertament kienet prova ċirkostanzjali importanti li turi li lofferta ta' *AIB Insurance Brokers* kienet waħda ingannevoli u ma ġietx issostanzjata b'offerti mis-suq.«

25. Għalkemm il-verbal tal-proċess quddiem il-Bord ta' Reviżjoni juri illi l-avukat tal-Appellanti għamel osservazzjoni dwar ir-relevanza tal-fatt li dwaru l-Appellanti tgħid li ma tħallietx tressaq xiehda, madankollu, kif sewwa tosserva *AIB* fit-tweġiba tagħha għall-appell, ma jidhirx li saret talba biex titressaq din ix-xiehda. Barra minn hekk, il-fatt li *under-writers* ma jkunux lesti li, bil-kondizzjonijiet tal-offerta ta' *AIB*, jerfgħu risku għall-*interim* bejn meta skadew il-poloz li kien hemm fis-seħħ u meta jidħlu fis-seħħ il-poloz il-ġodda ma jfissirx li ma kinux lesti li jerfgħu l-istess riskju taħt il-kondizzjonijiet tal-polza għal terminu sħiħ ta' assikurazjoni. L-argument li riedet tagħmel l-Appellanti għalhekk ma kienx ikun konklużiv u kien ikun għamel sew il-Bord ta' Reviżjoni, li kieku saret talba mill-Appellanti biex tressaq ix-xiehda msemmija f'dan l-aggravju, li jiċħad it-talba għax ix-xiehda kienet tkun irrelevanti.

26. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

27. Il-ħames aggravju jgħid hekk:

»… … …Il-ħames aggraviu tal-appellant … … … jikkonsisti fil-fatt illi d-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board* li x-xhieda mressqa mill-appellanta fl-udjenza quddiem l-istess *board* ma wrewx li r-*recommended bidder* ma kellux *underwriters* hija waħda erronea għall-aħħar u turi analiżi superfiċjali għall-aħħar tal-provi prodotti quddiemha. Dak li għamlet l-appellanti kienet li ressqet bħala xhieda

lill-assikuraturi lokali kollha u dawk il-kumpanniji lokali li jirrappreżentaw assikuraturi esteri u dan sabiex jiddikjaraw lil min taw *quotations* sad-data tal-għeluq tat-*tender* u x'persentaġġ tar-riskju kienu disposti li jerfgħu. Minn dawn il-provi jirriżulta li r-*recommended bidder* ma kellu l-ebda *quotation* mill-assikuraturi għal poloz partikolari, u f'każijiet oħra l-persentaġġ tar-riskju li kienu lesti jerfgħu fit-total tagħhom ma kienx ilaħħaq il-mija fil-mija tar-riskju involut mentri l-appellanti kellha offerti mill-istess assikuraturi għall-poloz kollha u kienet qed toffri kopertura ta' mija fil-mija tar-riskju. Jekk ir-*recommended bidder* la kellha *quotations* mill-assikuraturi f'xi każijiet u f'każijiet oħra lanqas kellha kopertura tar-riskju kollu, kif jista' wieħed igħid li l-evalutazzjoni saret bejn '*like with like*' u/jew li l-appellata *AIB Insurance Brokers Limited* kienet tissodisfa r-rekwiżiti amministrattivi tekniċi tat-*tender*?!

»Illi jekk xejn tirriżulta l-misrappreżentazzjoni manifesta magħmula minn *AIB Insurance Brokers Limited* li fil-fatt kienu disposti jġibu kopertura tar-riskju kollu meta fil-fatt ma kellhorn l-ebda bażi biex igħidu dan għax lanqas biss kellhom konferrna mis-suq assikurattiv għal tali rassigurazzjoni. Lanqas hija korretta dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn il-*board* iddikjara li ma kienx hemm rekwiżit għall-offerenti li jindikaw min kienu l-assikuraturi proposti.

»Għalkemm it-*tender* fit-test tiegħu ma kienx jitlob espliċitament dikjarazzjoni tal-identità tal-assikuraturi, sabiex wieħed jagħti l- informazzjoni finanzjarja rikjesta bilfors irid ikun hemm assikuraturi għaliex il-*premium* jinħadem mill-assikurarur u mhux mill-*broker* kif ukoll hemm obbligu fil-liġi li tirregola l-operat ta' *brokers* tal-assikurazzjoni li jobbligahom li jindikaw lill-klijent min huwa l-assikuratur u t-termini u l-kondizzjonijiet tal-kopertura assikurattiva.

»Il-fatt illi t-*Terms of Reference* tat-*tender* innifsu jagħtu importanza lill-'*financial stability and adequacy of the insurers and underwriters to write such risks'* ifisser illi n-nuqqas tal-isem tal-assikuratur illi kien qiegħed jiġi propost mill-offerenti kien nuqqas relevanti għax kien ixxekkel lill-*Evaluation Board* milli jeżaminaw u jserrħu rashom mill-*financial stability* jew *adequacy* tagħhom. Wara kollox huwa l-assikuratur illi jrid ikun jiflaħ iħallas il-*claims* li jsiru taħt il-poloz tal-assikurazzjoni li jirranġa l-*broker*.

»Dan l-appellata *AIB Insurance Brokers Limited* kienet tafu u tafu ben tajjeb għax fir-rigward ta' xi poloz indikat min kienu ser ikunu l-assikuratur iżda fil-maġġjorparti ma indikat lil ħadd. Dan iwassal għall-konklużjoni ovvja li dan għamlitu għaliex fejn ma indikatx l-assikuratur hija ma kellhiex bażi li fuqha kienet qed tistrieħ biex tagħmel l-offerta tagħha u l-offerta tagħha kienet waħda purament ta' *desk quote* li tmur kontra l-prassi tas-suq assikurattiv. Każ ovvju ta' fejn wieħed jitfa' prezz basta jirbaħ it-*tender* imbagħad wara joħloq ċirkostanzi biex jitlob żjieda fl-prezz oriġinarjament offert minnhom.«

28. Kif ġà osservat fuq[5], il-fatt illi ebda assikuratur preżenti fis-suq lokali ma ta *quote* lil *AIB* dwar xi kategoriji ta' riskju ma jfissirx li *AIB* ma

[5] Para. 15, *supra.*

kellhiex kuntatti ma assikuraturi oħra fis-suq ewropew, u għalhekk l-argument tal-Appellanti ma huwiex konkluživ.

29. L-argument l-ieħor tal-Appellanti – illi l-identità tal-*underwriters* għandha tkun magħrufa sabiex ikunu jistgħu jiġu stabiliti "*the financial stability and adequacy of the insurers and underwriters to write such risks*" – huwa mibni fuq il-para. 2,3.2 tat-*Terms of Reference* fis-sejħa għal offerti, li jgħid hekk:

> »2. To advise the Contracting Authority, on an annual basis, on the general overview of the Insurance Markets (both local and abroad), and this in order to obtain the best mix of underwriting, Terms & Conditions and to attract the best underwriters and insurers. Such advice is to include the financial stability and adequacy of the insurers and underwriters to write such risks.«

30. Dan l-argument tal-Appellanti jistrieħ fuq interpretazzjoni ħażina tas-sejħa għal offerti. Is-sejħa ma kinitx għal kuntratti ta' assikurazzjoni iżda għal servizz ta' *broking* għal tliet snin. Il-kuntratt ma jorbotx lill-*broker* illi jikseb kopertura mingħand l-istess *underwriter* għal tliet snin iżda illi minn sena għal sena jagħti parir dwar liema *underwriters* huma ta' min joqgħod fuqhom u jagħtu l-aħjar servizz għall-aħjar prezz. Naturalment, l-identità tal-*underwriter* trid tkun magħrufa lill-assikurat meta jsir il-kuntratt ta' assikurazzjoni iżda mhux bilfors fl-istadju li fih jinsab il-proċess illum. Jekk imbagħad meta jasal il-waqt li jsiru l-kuntratti l-*broker* ma jkunx jista' jsib *underwriters* lesti jidħlu għar-riskju bil-kondizzjonijiet indikati minnu fl-offerta, ikollu jwieġeb għall-konsegwenzi tal-inadempiment kuntrattwali tiegħu, iżda dan ma jfissirx illi hu obbligat, f'dan l-istadju, jindika min sejrin ikunu l-*underwriters* għax jista' jkun li dawn ikunu differenti fit-tieni u fit-tielet

snin tal-kuntratt bejn il-*broker* u l-assikurat. L-obbligu tal-*broker* ma huwiex illi jikseb kopertura ma' *underwriter* partikolari għal tliet snin iżda li għal tliet snin isib *underwriters* li lesti jerfgħu r-riskji bil-kondizzjonijiet murija fl-offerta.

31. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

32. L-aħħar aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … … Is-sitt u l-aħħar aggravju tal-esponenti appellanti huwa … … … li l-*Public Contracts Review Board* kien erroneu meta injora għal kollox il-fatt li parti mir-rekwiżiti tat-*tender* kien li l-offerenti kellhom jaħsbu għal riskji futuri li ġew indikati speċifikament fit-*tender*. L-aktar każ ovvju kien dak tal-inċineratur li għalkemm l-offerenti ma ntalbux jagħtu stima ta' *premium* għal kopertura kellhom jindikaw id-dis-posizzjoni *o meno* li jottjenu kopertura għal tali riskju. *AIB Insurance Brokers Limited* kif ħarġet mix-xiehda lanqas biss ipprovdew għal din l-eventwalità u għalhekk anke fuq din il-bażi l-offerta ta' *AIB Insurance Brokers Limited* u dik tal-appellanti ma tistax titqies li kienet l-istess għajr dik tal-prezz. Ironikament ftit ġranet wara li ġiet ippublikata d-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board*, il-*Wasteserv Malta Limited* ħabbret l-inawgurazzjoni ta' parti mill-impjant fejn hemm l-inċineratur. L-offerta ta' *AIB Insurance Brokers Limited* ma kinetx *technically compliant.* Dan it-*tender* ma kienx wieħed sempliċi fejn l-offerenti ġew mitluba jagħtu prezz għal prodott *off the shelf*. Kien *tender* li kien jirrikjedi li wieħed jara verament dak li kien qed jiġi offrut mill-offerenti u mhux jibda u jieqaf fil-prezz. Dan jirriżulta mid-dettal li daħal fih min ipprepara t-*tender* kif jirriżulta mit-*tender dossier* innifsu. Bid-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board* qiegħed jiġi ppremjat min jinjora għal kollox dak li jipprovdi t-*tender* u jitfa' prezz ġie kif ġie basta jieħu t-*tender* u addirittura jiddikjara li se jagħti 100% kopertura u wara … jirriżulta li din kienet dikjarazzjoni qarrieqa u li fin-norma tal-affarijiet kellu jkollu l-offerta tiegħu mwarrba. Għall-*Public Contracts Review Board* però qiesu ma ġara xejn u ttratta *tender* daqshekk tekniku bl-istess mod li kien jittratta x-xiri ta' oġġett normali u kemm ħares lejn il-prezz.«

33. Kontra dak li jgħidu d-Dipartiment u *AIB* fit-tweġibiet tagħhom, il-kwistjoni msemmija f'dan l-aggravju kienet tqajmet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u għalhekk tista' tissemma bħala aggravju tal-appell.

34. L-Appellanti ma wrietx, iżda, illi kienet meħtieġa *quote* speċifika għall-inċineratur u għalhekk in-nuqqas ta' *quote* għall-inċineratur ma hijiex

raġuni għala kellha titwarrab l-offerta ta' *AIB*. *Se mai*, jekk l-inċineratur huwa fost l-oġġetti elenkati fix-*Schedule of Property Insured* taħt *Industrial All Risks*, mela għandha tingħata kopertura għalih li l-*premium* għaliha jitqies inkluż fl-offerta; jekk ma huwiex fost dawk l-oġġetti mela ma hemmx dik l-obbligazzjoni.

35. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni. L-ispejjeż tal-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell tħallashom *AIB Insurance Brokers Limited*; l-ispejjeż l-oħra tal-appell tħallashom is-soċjeta appellanti *Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df